QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 351/00DM

Carmelo Difesa

vs

Joseph Attard u Carmelo Cauchi

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu dik is-somma li ghadt trid tigi likwidata mill-Qorti rappresentanti danni subiti mill-atturi stante hsarat kagunati fil-fond bin-numru 9, St Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba liema hsarat issuccedew unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-kostruzzjoni da parti tal-konvenuti meta dawn kienu qed jghamlu xoghol sarnastanti l-imsemmi fond.

L-attur jiddikjara li l-ammont ta' danni ma jeccedix l-Lm1,000 kontra l-konvenuti li gew ngunti minn issa ghas - subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Cauchi fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xogholijiet gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti.
2 Ma gewx arekati ebda danni lill-fond tal-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xogholijiet gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti.
2 Ma gewx arekati ebda danni lill-fond tal-attur
3 Subordinatament, ir-responsabilta ghal kwalsiasi hsara u setgha soffra l-fond sottostante hija responsabilita tal-konvenut iehor Carmelo Cauchi u kien l-kuntratur tax-xogholijiet in kwistjoni.

Rat id-digriet tal-24 ta' Mejju 2000 fejn gie nominat bhala perit tekniku lil AIC Joseph Mizzi.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fis-26 ta' Frar 2001

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi m'hemmx kontestazzjoni illi l-attur huwa l-propjetarju tal-flat No 9, f'St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba u li fuq dan il-flat ossia fuq l-arja ta' dan il-flat il-konvenut Joseph Attard li kien il-propjetarju tal-istess arja iddecieda li jghamel kostruzzjoni tieghu.

Ghal din il-kostruzzjoni l-konvenut Joseph Attard qabad bhala kuntrattur lill Carmelo Cauchi. L'ilment tal-attur huma illi bix-xogholijiet li gew esegwiti minn Carmelo Cauchi fuq l-istruzzjonijiet ta' Joseph Attard huwa sofra danni fil-fond tieghu li biex jirreparhom kellhu jhallas somma ta' Lm482.85 (erba' mija u tnejn u tmenin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi) skond l-ircevuti li huwa pprezenta.

Billi l-kwistjonijiet involuti f'dan il-kaz huma kollha ta' natura teknika, il-Qorti kienet innominat bhala perit tekniku lill A.I.C. Joseph Mizzi li pprezenta r-relazzjoni tieghu fis-26 ta' Frar 2001 u kien ghamel xi kjarifici bil-gurament fis-17 ta' Mejju 2001.

F'din ir-relazzjoni il-perit tekniku kien ha inkonsiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti , kien ukoll semgha bil-gurament lill-perit Carl Grech mqabbad mill-konvenut Joseph Attard u ra wkoll ir-relazzjoni ta' dan l-istess perit, kien ghamel access fuq il-post u kkonstata l-istat li kien jinsab fih l-flat tal-attur u wasal ghall-konkluzzjonijiet illi huma elenkati minn fol 3 sa fol 5 tal-istess relazzjoni. Dawn il-konkluzzjonijiet teknici l-Qorti qieghda tadotta u taghamilhom taghha.

Ghaldaqstant mis-somma ta' Lm482.85 (erba' mija u tnejn u tmenin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi) li l-attur jippretendi li ghandu jithallas mill-konvenuti minhabba l-ispiza biex huwa setgha jirrepara il-fond u jgibu fl-istat pristinu jirrizulta illi huma biss l-ircevuti mmarkati respettivament bhala dokument CD5 , CD7, CD9 u CD10 li ghandhom jithalsu b'dan illi mill-Lm100 illi huma indikati fid-dokument CD10 il-perit irrakkomanda li jithallsu biss Lm50.

Ghaldaqstant l-ammont totali ta' hsarat illi l-perit sab li huma gustifikati biex saru r-riparazzjonijiet huwa Lm172.35 (mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmi).

Il-Qorti ghalhekk qieghda tillikwida l-ammont ta' danni illi sofra l-attur biex kellu jirrepara l-post minhabba x-xogholijiet esegwiti mill-konvenuti huwa ta' Lm172.35 (mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmi) u ta' dan iriedu jirrispondu wkoll il-konvenuti.

Il-perit pero' ma hax in konsiderazzjoni l-ilment l-iehor tal-attur illi huwa kien dam sitt xhur biex ghamel ix-xogholijiet ta riparazzjonijiet u konsegwentement ghalhekk tilef sitt (6) xhur kera. L-attur iddikjara ukoll illi huwa kien jikri dan il-fond lil terzi b'kera ta' Lm100 (mitt lira Maltin) fix-xahar.

Billi l-perit ma ghamel ebda riferenza ghaz-zmien illi kien mehtieg u kellu jkun involut fir-riparazzjonijiet li huwa accetta illi kellu jghamel l-attur, il-Qorti trid taghmel din il-konstatazzjoni hi stess u wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammont ta' danni accettat mill-perit u x-xogholijiet kollha li saru mill-attur issib li *arbitri u boni viri* l-attur ghandhu jigi ikkompensat ta' xahar kera fl-ammont ta' Lm100 (mitt lira Maltin).

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tillikwida d-danni totali li sofra l-attur minhabba x-xogholijiet esegwiti mill-konvenuti illi minhabba imperizja ikkawzaw dawn id-danni fis-somma totali ta' Lm272.35 (mitejn u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmi).

Billi mir-relazzjoni teknika lanqas ma jirrizulta jekk il-hsarat gewx ikkawzati minn xoghol tal-kuntrattur li ma giex esegwit skond l-arti u s-sena jew jekk gewx ikkawzati l-hsarat minhabba n-natura tax-xogholijiet illi ordna li jsiru l-konvenut propjetarju, u billi l-konvenuti fil-provi taghhom m'ghamlu ebda tali distinzjoni, l-Qorti qieghda tiddeciedi illi ghal dawn il-hsarat ghandhom jghamlu tajjeb iz-zewg konvenuti in solidum bejniethom, b'riserva ta' kull azzjoni li jista jkollhom fil-konfront ta' xulxin.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u qieghdha tiddikjara illi l-attur Carmelo Difesa sofra hsarat fil-fond tieghu No 9, f'St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba liema hsarat gew ikkawzati minn xogholijiet ordnati mill-konvenut Joseph Attard u ezegwiti mill-konvenut Carmelo Cauchi u qieghda tillikwida l-ammont ta' dawn il-hsarat fis-somma ta' Lm222.35 (mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmi) u qieghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom li jhalsu l-attur din is-somma hekk likwidata.

Billi mill-provi  prodotti jidher illi l-konvenut kien qieghed jippretendi illi ghandhu jigi ikkompensat somma  li tissupera l'Lm1,000 (elf lira Maltin) , il-Qorti qieghdha tordna illi l-ispejjez tal-kawza jibqu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28